Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

(Assistant Kummissarju Trevor Micallef)

Vs

Charlie Psaila

Kumpilazzjoni Numru: 369/2020

Illum 02 ta' Ottubru 2024.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar is-6 ta' Awwissu 2020 kontra:

**Charlie Psaila iben Carmel Paul Laurence maghruf bhala Charles u Melita nee' Spiteri, imwieled St Leonards nhar is-7 ta' Awwissu 1954,**

**resident 7, Triq San Mark Gudja u detentur tal-karta tal-identita' numru 186562M[1].**

Akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer nhar it-18 ta' Jannar 2019 ghal habta tas-sitta ta' filghodu (06:00am) fi Triq Dawret Hal-Ghaxaq u/jew fil-vicinanzi soqt vettura tal-ghamla Ford b'numru ta' registrazzjoni WPY 018:-

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqasa ta' tharris ta' regolarmenti, ikkagunajat l-mewt ta' John Zammit liema persuna mietet xi jiem wara l-incident , u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap 9;

2. Nakkuzak aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt l-istess vettura b'mod: (a) traskurat u (b) bla kont u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a),(2) (3) tal-Kap 65.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota tal-kunsens tal- Avukat Generali li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[3]

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 2 tal-process.
[3] Folio 12 tal-process.

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti fit- 13 ta' Jannar 2021.[4]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni[5]

Semghet is-sottomissjonijiet orali tad-difiza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident tat-traffiku jew ahjar stradali fejn l-imputat Charlie Psaila waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu fit-18 ta' Jannar 2019 fi Triq Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq tajjar lill John Zammit. Il-vittma miet ftit tal-jiem wara, ossija fil- 21 ta' Jannar 2019, kawza tal-griehi li garrab.

**Il-Provi**

Xehed id-**Deputat Registratur Angelo Buttigieg**[6] li ipprezenta il-process verbal relattiv ghall-incident[7] minn liema jirrizulta s-segwenti:

[4] Folio 14 tal-process.
[5] Folio 190 tal-process.
[6] Folio 149 tal-process.
[7] Folio .......

Il-Prokuratur Legali Mario Buttigieg ikkonkluda:

'***…. Skond evidenza li l-esponent kellu f'idu u anki meta l-esponent ghamle access it-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-visibilita' kienet tajba, waqt li it-triq kienet imxarrba bin-nida li ghamlet matul il-lejl…..***

***Illi minn naha l-ohra jidher li John Zammit waqaf il-vettura tax-xoghol fuq in-naha tal-lemin ta' triq niezel minn gol-vettura sabiex qasam it-triq u jidher li mar jixtri xi oggetti mill-pastizzerija. Illi Zammit ipparkja l-vettura fuq in-naha l-ohra ta' triq. JIdher li hu kien sejjer lura lejn il-van meta sehh l-incident. Fil-vicinanza ta' fejn sehh l-incident hemm pedestrian crossing. Din tinsab mija u hamsin (150m) metru boghod. Illi Zammit ghazel illi ma juzax il-pedestrian crossing provduta mill-awtoritajiet u minflok qasam minn post iehor. Illi dan il-fatt jindika illi hawn il-vittma naqset serjament u ghandu jigi rikonoxxut illi jista' jkun hemm negligenza kontributorja minn naha taghha. Illi waqt illi kien qed jaqsam l-allegat vittma kien wasal f'nofs ta' triq sabiex jistenna xi vetturi jghaddu u kif kien wieqaf f' nofs ta' triq hu spicca milqut. Illi minn ezami u kalkoli maghmula mill-esponent hareg manifestament car li Charlie Psaila ma kienx qed isuq iktar minn erbghin (40 kfs) kilo metru fis-siegha qabel l-impatt……….***

***Illi hija l-opinjoni umli tal-espoent illi Psaila naqas billi huwa kellu obbligu li jhares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan tieghu specjalment meta hu kien qed isuq u kien hemm il-pedestrian f'nofs ta' triq. Dan ifisser illi Psaila ma kellux a proper lookout tat-triq li kien qed isuq fiha***.'[8]

[8] Folio 23 u 24 tal-process.

Mill-awtopsja maghmula mill-**Professur Camilleri u Dr. Ali Sarfraz** jirrizulta li l-vittma mietet ' *due to fractured skull and intracranial haemorrhage due to a MVA*'[9].

Xehed l-imputat **Charlie Psaila** fis-6 ta' Frar 2019 waqt li kien debitament imwissi skond il-ligi u assistit mill-avukat tieghu fejn jikkonferma li hu kien ix-xufier li kien qed isuq il-vetrtura li kellu impatt mal-vittma.[10] Jghid li hu telaq mid-dar il-Gudja u kien niezel jigbor it-tfal tal-iskola minn B'Bugia. **Jaghmel ir-rotta xi 2-3 fil-gimgha. Jghid li ra diversi vetturi ipparkjati fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Jghid li kien hemm triple parking waqt li fuq in-naha tal-lemin kien hemm vettura ohra pparkjata. Fit-tielet filliera kien hemm van kbir ipparkjat u hu qaleb il-karreggata biex ikompli ghaddej fit-triq. Jghid li hu kemm jista' jkun baqa' fuq il-karreggata tieghu u cioe' fuq in-naha tax-xellug, meta f'daqqa wahda giet persuna quddiemi u kull ma hassejt kienet id-daqqa.** Ghafas il-break u waqaf. Jghid li l-breaks kienu tajbin u ilu isuq il-van xi sena u nofs. Jghid li mal-impatt hu baqa' wara l-isteering u cempel l-imghallem u kien ghadu d-dlam. **Jghid li it-triq kien hemm in-nida u tizloq waqt li it-triq kienet bix-xita li kienet ghamlet dak il-lejl. Isostni li l-bozza tal-gvern kienet mghottija bis-sigar u kien hemm vetturi ghaddejjin bil-kontra**.[11]

Xehed **Walter Zammit** li ikkonferma li hu sid il-van WEY018 u li kien jaghmillu service regolari.[12]

[9] Folio 42 tal-process.
[10] Folio 79 tal-process.
[11] Folio 79 u 80 tal-process.
[12] Folio 81 tal-process.

Xehedet **Abigail Camilleri** u qalet li l-impatt ma ratux imma rat peruna ttir. Tikkonferma li kien hemm double parking imma ma kienx hemm triple parking.[13]

Xehed **Stephen Cachia** fejn ikkonferma li l-imputat seta' jsuq minibus/buses u garaxx hire bhal taxis ta' kulur iswed.[14]

Xehed **Dr. Mario Scerri** fejn ikkonferma li l-vittma mietet kawza tal-griehi li sofra wara l-impatt mal-vettura.[15]

Rega' xehed **Walter Zammit** nhar it-13 ta' Jannar 2021 fejn qal li l-vettura WPY018 hija tieghu u fit-18 ta' Jannar 2019 kien biha l-imputat. Qal li l-imputat cempillu fil-ghodu fejn infurmah li kien laqat persuna. Qal ukoll li mar fuq il-post tal-incident u qal li t-triq hija two lane. Qal li induna li kien hemm karozzi ohrajn u nehhewhom minhabba n-nida.[16]

Kontro-ezaminat qal li l-imputat huwa bniedem tal-affari tieghu. Fuq xogholu kien tajjeb hafna. Kien ilu jahdem mieghu xi sena. L-imputat qatt ma kellu xi incidenti ohrajn. Jghid li hu kien isuq dejjem l-istess vettura. Isostni li hu sab l-imtajjar hemm fuq il-post peress li joqghod 5 minuti 'l boghod. Jaqbel li qallu li hargitlu persuna u b'hekk sehh l-incident. Jiftakar li kien hemm karrozzi ipparkjati double lane.

Xehdet **PS 2007 Therese Farrugia** nhar it-2 ta' Gunju 2021 u qalet li dak iz-zmien in-numru ta' servizz taghha kien WPS7. Hija ikkonfermat id-dokument

[13] Folio 81 tal-process
[14] Folio 82 tal-process.
[15] Folio 134 tal-process.
[16] Folio 141 tal-process.

imhejji minnha.[17] Tghid li malli irceviet ir-rapport hija mill-ewwel marret fuq il-post pero' ghal kuntrarju li stqarr maghha l-imputat ma ratx it-triple parking. Tghid li hija marret mill-ghassa ta' B' ugia. Tghid li skond hu l-persuna harget minn bejn il-vetturi u tajjarha. Hija giet infurmata li l-vittma kien fil-periklu tal-mewt u infurmat lill-ispettur tal-ghassa. Ma kienx hemm l-ebda vettura ohra involuta.[18]

Xehed is-**Supretendent Trevor Micallef** nhar it-2 ta' Gunju 2021 fejn qal li wara li gie infurmat bl-incident u bil-kundizzjoni medika tal-vittma informa lill-magistrat tal-ghassa Dr. Claire Stafrace Zammit fejn ordnat inkjesta u hatret diversi esperti.[19]

Xehdet **Abigail Camilleri** nhar it-2 ta' Gunju 2021 fejn qalet li semghet hoss kbir u rat lill-vittma jinstabat mal-art. Qalet li l-incident gara ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghodu u kien il-gimgha. Hija ma ratx l-impatt mal-vettura. Taf li kien hemm van abjad rat ukoll hsara fuq il-windscreen tal-van. Tghid li l-vittma ittajjar. Tiftakar li l-van tal-vittma kien isfar. Ma tafx jekk hdejn tal-pastizzi kienx hemm parkegg hazin.[20]

Kontro-ezaminata tghid li ma kienx hemm double jew triple parking. Ma tiftakarx li kien hemm. Hadd ma kellimha kif sehh l-incident. Tghid li kienet tul tal-awla 'l boghod minn fejn sehh l-incident.[21]

[17] Folio 152 tal-process.
[18] Folio 153 tal-process.
[19] Folio 156 tal-process.
[20] Folio 158 tal-process
[21] Folio 164 tal-process.

Xehed l-**iSpettur Wayne Borg** nhar id-29 ta' Settembru 2021 u qal li hu joqghod ftit 'l boghod minn fejn sehh l-incident u u kien leave pero' martu qaltlu li gara incident u meta ittawwal mit-triq mal-***ewwel innota li kien hemm is-solita konfuzjoni ta' vetturi ipparkjati hdejn il-hanut tat-te***.[22] Jghid li fuq il-bus stop kien hemm zewg vetturi ipparkjati u li illum it-triq hija ftit differenti. ***Dawn il-vetturi kienu parallel mal-bankina imma il-bus stop tohrog daqsxejn 'l barra. Jghid li linja maghhom kien hemm vetturi ipparkjati wicchom il-gewwa gol-kaxxi, imbaghad jipparkjaw vetturi ohra dritti, u jergghu jigu anki jipparkjaw it-tielet parking.***[23] Jiftakar li kien hemm persuna femminili li qalet li rat l-incident. Jghid li ftit 'l fuq hemm zebra crossing. Din hija iktar minn 50 metru minn fejn ittajjar il-vittma. Jghid li it-triq hija daqsxejn wiesa u hija triq dritta. L-incident gara kwazi lejn il-linja tan-nofs tat-triq.[24]

Xehed **Charles Pisani** wara li gie debitament imwissi nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Jispjega li hu mini bus driver u dak in-nhar qam, mar il-kazin u ha kafe f'xi 5.30 am u ikkonferma li kien hu li tajjar lill-vittma.[25] Jghid li huwa u jsuq hareg '***'l barra, kif wasalt bid-double wheel tar-rota ta' transit l-iehor rajt haga sewda, zammejt il-brake u kull ma rajt hawn hekk fuq il-windscreen...***' Jghid li jahseb li baqa' mwahhal ghax mexa bicca li tkaxkar u waqgha ma' l-art umbaghad u forsi trambal. Isostni li l-incident gara quddiem tal-pastizzi pero' hu kellu johrog barra hafna. Jghid li '***zammejt il-break jiena mort daqsxejn il-barra, kien hemm line doppju bhal central strip...***' Isostni ***li kien hemm karrozza u transit ipparkjati u kellu jigi n-naha l-ohra tat-triq biex qabizhom***.[26] Fuq in-naha l-ohra tat-triq ma rax karrozzi ipparkjati imma jishaq li fuq in-naha tieghu ra dawk iz-zewg karrozzi. Ikompli jispjega li l-vittma hareg minn wara il-van.

[22] Folio 166 tal-process.
[23] Folio 167 tal-process.
[24] Xhud ezebixxa tlett ritratti a Folio 175.
[25] Folio 178 tal-process.
[26] Folio 180 tal-process.

Kontro-ezaminat jghid li fil-vettura kellu GPS u kien ghaddej b'xi 32- 42. Il-karrozzi ipparkjati kienu fil-karreggata tieghu. Jikkonferma li dahal fuq il-linji il-bojod biex jisKapitoluulahom. Ma jiftakarx jekk naqqasx biex jisKapitoluula l-vetturi ipparkjati.[27]

Xehdet **Christabelle Psaila** bint l-imputat u wara li giet debitament imwissija ghazlet li tixhed nhar l-10 ta' Mejju 2023. Hija spjegat kif l-incident affettwa hazin hafna lil missierha.[28]

**Ikkunisidrat:**

L-imputat qed jigi bazikament akkuzat taht l-artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll talli saq il-vettuta tieghu b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza ai termini tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ransley) vs Christopher Camenzuli** (App. Nru. 330/2018) moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti fejn giet ikkowotata b'appovazzjoni s-sentenza ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** datata 6 ta' Mejju 1997 intqal is-segwenti:

***Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jlahhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-*

[27] Folio 184 tal-process.
[28] Folio 188 tal-process.

*regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita' tal-incident u l-prezenza o meno tat-traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f' liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d -dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz – ara (The Police vs Charlotte Chamberlain, App. Kriminali 21/5/1996).*[29]

Dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Grech** (App. Nru. 140/2002) deciz fis-6 ta' Gunju 2003 per il- Prim Imhallef Vincent De Gaetano irriteniet:

[29] Pg. 13- 14.
Ara ukoll fuq it-tema ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluz is-segwenti sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali- **Il-Pulizija vs Dailin Benetti (App. Nru. 370/18)**, **Il-Pulizija vs Jonathan Hili (App. Nru. 290/20)**, u **Il-Pulizija Johan Carter (App. Nru. 60/06)** kolla per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, **Il-Pulizija vs Jean Pierre Sammut (App. Nru. 165/09)** per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Gunner Brian Wilson** per Onr. Imhallef William Harding u **Il-Pulizija vs Anthony Taliana (App. Nru. 358/18)** per Onr. Imhallef Edwina Grima.

*Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz, huwa vera li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew kif isejhilha Francesco Antolisei '....casi di colpa che deriva da inosservanza di usi sociali…'*[30] *il-kriterju jew kejl ta' prevedibbilta' huwa wiehed importanti, anzi essenzjali*[31]*:*

*………………………………………………………………………………………*

*Mill-banda l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qed issuq minghajr ma zzomm 'a proper lookout' (ghax aljenata, distratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x' inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezempju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-genb biex jaqsam. Li wiehed izomm 'a proper lookout' waqt li qed isuq, u cioe' li mhux biss ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma ta' kondotta socjali intiza propju biex tevita l-hsara, u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm 'a proper lookout' kif hawn fuq spjegat, u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna triq twieged ghall-hsara involontarja hekk kagunata*[32]*. (sottolinejar ta' din il-Qorti)*

*………………………………………………………………………………………*

*Fi kliem iehor, biex nuqqas ta' 'proper lookout' iwassal ghal responsabilita' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas ta' proper lookout dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f'dak il-grad li effettivament sehhet. Jekk dik il-hsara fi kwalunkwe kaz*

[30] Manuale di Diritto Penale- Parte Generale – Giuffre' (Milano), 1989, p. 325.
[31] Pagna 4.
[32] Pagna 5.

*ma setetx tigi evitata, allura, jigi nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn in-nuqqas ta' 'proper lookout' (l-ghemil negligenti) u l-hsara kagunata (l-effett dannuz), ma jkunx jista' jinghad li n-nuqqas ta' 'proper lookout' kien kawza efficjenti, ghall-anqas in parti tal-hsara kagunata.*[33]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Conrad Meilaq** (App. Kri. Nru. 333/2019) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nha r l-1ta' Settembru 2020 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera intqal hekk:

*Jirrizulta li l-incident sehh vicin zebra crossing, u ghalhekk vetturi li jkunu resqin lejn zebra crossing ghandhom l-obbligu li jnaqqsu l-velocita'. IL-paragrafu 265 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq u cioe' l-Highway Code jipprovdi li:*

*'Meta tavvicina POST TA' QSIM GHALL-PEDESTRIANS kun dejjem lest biex tnaqqas il-velocita' jew tieqaf sabiex taghti d-dritta lill-pedestrians; dejjem aghtihom id-dritta fuq dawn il-postijiet. Aghmel sinjal lix-xufiera l-ohra dwar il-hsieb tieghek li tnaqqas il-velocita' jew li tieqaf.*

*Ahseb aktar kmieni biex tieqaf meta t-triq tkun imxarrba jew ghan-nizla.'*[34]

Fil-ktieb '**A Practical Approach to Road Traffic Law**' ta' Richard J. McMahon (BlackStone Press Ltd.) (Ed. 1994)

*The Court of Appeal, however, reviewed this area of law in Hennigan (1971) 3 All ER 133, and could find no reason why the words of the statute should not be given their ordinary meaning of simply requiring proof that the defendant's*

[33] Pagna 6.
[34] Pagna 36-37.

*driving was a cause of death. It pointed out that the jury did not need to balance questions of fault on the part of the deceased but had to consider whether the driving was, more than minimally, a cause of death. As Lord Parker CJ said (at p. 135):*

*The court would like to emphasis this, that there is of course nothing in (the statute) which requires the manner of the driving to be a substantial cause, or a major cause, or any other description of cause, of the accident. So long as the dangerous driving is a cause and something more than de minimis, the statute operates*[35].

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kontestazzjoni principali tal-imputat hija li huwa kellu bil-fors jaghmel il-manuvra li ghamel ghax kien hemm double/triple parking u ghalhekk kellu johrog ghal nofs tat-triq tant li kellu jirkeb l-istrixxa l-bajda (central strip). Jghid ukoll li l-vittma kien il-kawza tal-mewt tieghu jew tal-anqas ikkontribwixxa ghal tali incident.

Il-Qorti mill-ewwel tghid li ghalkemm jista' jkun li l-vittma b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident ma jfissirx li l-imputat jista' jezimi ruhu mir-risponsabilita' kriminali.[36] Il-Qorti temmen li is-sewqan tal-imputat kien wiehed **bla kont** ghax hu ha deliberatament riskji fis-sewqan li ma kellux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li setghet issir, kif fil-fatt gara lil terzi. B'hekk hu kien indifferenti ghal tali riskji. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni meta qieset is-segwenti fatturi:

---

[35] Pagna 72.

[36] Ara fost l-ohrajn **Il-Pulizija vs Mario Angelo Ernest Vincent Zammit** (App. Nru. 315/2006) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 30 ta' Settembru 2009.

1. Il-hin tal-incident;
2. **Il-visibilita' kienet mhux tajba tant li mir-ritratti ezebiti mill-iSpettur Wayne Borg jidher li it-triq ma tantx kienet imdawwla**;
3. **Kien hemm l-ilma tax-xita jew tan-nida fit triq. B' hekk l-art kienet xi ftit jew wisq imxarrba**;
4. **Is-sewwieq kien konxju li kien hemm double/triple parking pero' hu kompla mhux biss fit-triqtu pero' ma jirrizultax li huwa naqqas il-velocita'**;
5. Is-sewwieq kien qed javvicinia zeba crossing u din ukoll fattur li jidher li ma ikkonsidrax meta kien f'anqas minn 100 metru minnha;
6. **Is-sewwieq kien midhla tat-triq tant li jghix fl-akkwati kif ukoll kif ammetta hu stess jghaddi xi darbtejn jew tlieta minnha kull gimgha. Ghalhekk, hu kien jaf li fit-triq u dawk il-hinijiet ikun hemm double/triple parking ghax din kienet xi haga regolari kif xehed ukoll Ispettur Wayne Borg li jghix ftit passi minn fejn sehh l-incident.**
7. I-sewwieq hu bniedem ta' esperjenza fis-sewqan u kien qed isuq vettura pjuttost kbira u li din kien ilu isuqha ghal aktar minn sena, ghalhekk jaf il-potenzjal u l-limitazzjonijiet taghha.
8. **Il-vittma kienet f'nofs tat-triq bejn iz-zewg karreggati u kienet fuq c-central strip immarkatri bl-abjad mal-art, zona li fuqha il-vetturi mhux permessi li jirfsu. Il-van dahal f' din iz-zona u kien hemm li laqat lill-vittma**.[37]

Minkejja dan kollu b'circa 40 kfs, l-imputat ghamel manuvra azzardata, hareg barra l-karreggjata tieghu, rikeb fuq il-linji il-bojod tas-central strip, suppost post li jibqa' mittiefes u tajjar lill-vittma. Dan maghdud mal-fatt li t-triq tidher li kienet pjuttost mudlama, kienet imxarrba bl-ilma jew bin-nida u kien qed

[37] Ara ritratti a Folio 49 sa 57 tal-process.

javvicina zebra crossing. Jidher ukoll li hu kien konxju mill-madwar tieghu tant li innota tal-anqas zewg vetturi li kienu ipparkjati hazin. Dan kollu gara fi triq dritta u li kien midhla taghha. Certament hu ma kienx kawt u diligenti fis-sewqan tieghu u ma uzax il-*proper lookout* necessarja fic-cirkostanzi biex jevita is-sinistru tant li mhux biss tajjar lill-vittma imma sforz tal-griehi serjissimi li garrab il-vittma miet xi granet wara.

Il-Qorti ghalhekk tqis l-akkuzi gew ippruvati mill-prosekuzzjoni u konsegwentament ghandha tinstab htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li pero' ghandha tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fattur tal-possibilta' tal-kontribuzzjoni tal-vittma ghas-sinistru ai fini ta' piena biss. Il-Qorti hadet ukoll nota tal-eta' avvanzata tal-imputat kif ukoll il-konsegewenzi fizici u psikologici li jidher li garrab wara l-incident. Hadet ukoll nota tal-fedina penali tieghu li mhix inkwetanti. Qiset ukoll li b'dak li ghamel jew li ma ghamilx ikkawza l-mewt ta' persuna u li wara dik il-persuna hemm il-familjari u hbieb taghha li certament tali incident kellu impatt fuqhom ukoll.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta kif ukoll tal-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **CHARLIE PSAILA HATI** tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah **sena prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiza ghal**

**zmien sentejn mil-lum. Il-Qorti qed tordna ukoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.**

In oltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hati ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elfejn u zewg Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2002.27c).[38]

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur

[38] PL Buttigieg Ewro 796.03 Folio 93; Prof. Camilleri Ewro 139.74c, Ewro 256.23 Dr. Ali Folio 42, Ewro 42.50c x2; Ewro 23.76c x 2, FSL- Ewro 163.05 Folio 48, Dr. Mario Scerri Ewro 514.70c Folio 136.